**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Matthew Vella]**

**vs**

**Jeffrey Aquilina**
**Karl Aquilina**

**Kumpilazzjoni Numru: 347/18**

**Illum, 25 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Jeffrey Aquilina** detentur tal-karta tal-identita` numru 0455467M gie akkuzat talli f'Mejju 2018, fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dizpozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew *importa* ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

2. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, *kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu* fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra jaghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 l-Att dwar it-*Trademarks*, Ligijiet ta' Malta.

**U lil Karl Aquilina** detentur tal-karta tal-identita` numru 0274794M gie akkuzat talli f'Mejju 2018, fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dizpozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffasifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

2. Ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li jista' jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

3. Xjenetement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

4. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innisfu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak;

5. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra jaghmel xi

haga li tkun reat taht il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 l-Att dwar it-*Trademarks*, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba, sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbilita mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 paragrafu (b) u l-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Innutat li fis-Seduta tal-lum l-imputati Jeffrey Aquilina u Karl Aquilina iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati Jeffrey Aquilina u Karl Aquilina bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni qed issib lill-istess imputati Jeffrey Aquilina u Karl Aquilina hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tikkundannahom multa ta' elf ewro (€1000) kull wiehed filwaqt li qed tordna d-distruzzjoni tal-oggetti ikkonfiskati mill-Prosekuzzjoni.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**